# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.**

**Numru 17**

**Rikors numru 31/2021/2 BS**

**Domenic Zammit**

**v.**

**Francene Cini**

1. Din id-deċiżjoni titratta dwar l-appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit-28 ta' Jannar 2022. Dik il-Qorti, filwaqt li sabet li l-meritu tal-kawża jorbot mal-meritu ta' kawża oħra li għadha *sub judice,* laqgħet l-eċċezzjoni tal-intempestività u ma komplietx tqis it-talbiet tal-attur.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża in eżami huma dawn:

2.1. Il-partijiet, li qatt ma kienu miżżewġin, għexu flimkien għal żmien twil u għandhom żewġt itfal. Għal xi żmien ilkoll għexu fl-appartament numru 2, fil-blokk bl-isem *Port Mansions, Triq is-Sajjied, Marsalforn* proprjetà tal-attur.

2.2. Il-partijiet infirdu u l-konvenuta kompliet tgħix f'dak il-fond flimkien mat-tfal;

2.3. Fil-15 ta' Frar 2016 il-konvenuta fetħet kawża bin-numru 12/2016BS fl-ismijiet inversi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali. F'dik il-kawża ppremettiet illi fil-perjodu ta' koabitazzjoni kienet tat flus lill-konvenut sabiex inxtraw porzjon raba' fix-Xagħra Għawdex, mutur għalih u diversi oġġetti oħra, u sabiex saru benefikati fl-appartament. Għalhekk talbet lil dik il-Qorti:

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut avvantaġġja ruħu minn flejjes hekk mgħoddija lilu mill-esponenti fil-kors tal-konvivenza skont kif hawn fuq spjega;*
>
> *2. Tillikwida l-ammont intier hekk dovut lill-esponenti;*
>
> *3. Konsegwentement, tikkundanna lill-istess konvenut jikkumpensa lill-esponenti l-ammont hekk likwidat u li permezz tiegħu avvantaġġja ruħu għall-għanijiet kollha fuq imsemmija, okkorrendo bl-operat ta' perit nominandi skont il-bżonn."*

2.4. Fl-20 ta' Settembru 2016 l-attur fetaħ kawża kontra l-konvenuta (rikors numru 75/2016 SG fl-istess ismijiet) u talab lill-Qorti tordna l-iżġumbrament tal-konvenuta minn ġewwa l-appartament. B'sentenza li ngħatat fit-13 ta' Jannar 2021 it-talba tal-attur intlaqgħet;

2.5. Imbagħad fil-15 ta' Jannar 2021 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali ddeċidiet il-kawża 12/2016BS billi:-

(i) laqgħet l-ewwel talba limitatament safejn tirrigwarda s-somma flus li l-konvenuta Cini tatu sabiex jixtri l-għalqa fix-Xagħra;

(ii) laqgħet it-tieni talba u llikwidat is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf u erbgħin ewro u erbatax–il ċenteżmu (€27,040.14) bħala l-ħlas dovut lill-konvenuta Cini u kkundannatu jħallas dak l-ammont bl-imgħax mid-data tas-sentenza;

2.6. Fit-3 ta' Frar 2021 il-konvenuta appellat is-sentenza u fil-25 ta' Frar 2021 l-attur wieġeb u ressaq appell inċidentali. L-appell għadu m'huwiex appuntat. Fir-rikors tal-appell il-konvenuta talbet għar-revoka tas-sentenza tal-15 ta' Jannar 2021 u l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti

sabiex tagħti digriet dwar ir-rikors tat-3 ta' Settembru 2020, u fin-nuqqas tvarja s-sentenza appellata in kwantu l-ammont likwidat kellu jkun ferm iktar.

2.7. Fid-29 ta' April 2021 l-attur fetaħ il-kawża tal-lum. Ippremetta li l-appartament proprjetà tiegħu numru 2, fi blokk bl-isem *Port Mansions, Triq is-Sajjied, Marsalforn,* fejn baqgħu jgħixu l-konvenuta u wliedhom wara l-firda, kien arredat u mimli mobbli. Dawn jinsabu elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni (60/2015). Fisser li wara l-ħruġ ta' mandati ta' żgumbrament 75/2016 u 42/2021, ħa lura l-pussess tal-fond u sabu vojt u li kienu tneħħew oġġetti li kienu fissi. Ilmenta li sab neqsin l-ixkafef tal-bank tal-kċina u l-bozoz tad-dawl. Jallega wkoll li s-sufan inbidel u minflok tpoġġa wieħed qadim apparti ħsarat oħra fil-fond. Jgħid għalhekk li sofra diversi danni, kemm biex akkwista mobbli ġodda minflok dawk li kien hemm, jirranġa l-ħsarat u jrendi l-appartament abitabbli, u kif ukoll għaliex ma jistax juża l-fond. Talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-konvenut* (*recte*, attur) *konsistenti f'rimpjazzar ta' oġġetti li tneħħew jew ġew mibdula; fi ħsarat subiti u f'telf ta' użu tal-fond;*
>
> *2. Tillikwida dawn id-danni subiti minn l-attur;*
>
> *3. Tordna lil attriċi tħallas dawk id-danni hekk likwidati lil attur.*

*Bl-imgħaxijiet skond il-liġi.*

*Bl-ispejjeż kollha nkluża VAT; u bl-inġunzjoni tal-konvenuta minn issa għas-subizzjoni."*

2.8. Il-konvenuta *inter alia* wieġbet illi:

*"1. Preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma in parti intempestivi stante illi l-mertu tal-każ in kwantu id-determinazzjoni ta' min huma l-mobbli tal-appartament għadha sub-judice tant li tali talba qed tiġu ittratat fil-kawża bin-numru 12/2016BS fl-ismijiet Francine Cini vs Domenic Zammit, deċiża fil-15 ta' Jannar 2021 li tinsab appellata;"*

3. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali b'sentenza mogħtija fit-<u>28 ta' Jannar 2022</u> laqgħet l-eċċezzjoni u ma qisitx iktar it-talbiet tal-attur.

4. L-Ewwel Qorti mmotivat id-deċiżjoni b'dan il-mod:

*"... Imiss issa ghal din il-Qorti li tevalwa it-talbiet li saru fil-kawza bejn l-istess partijiet bin-numru 12/2016. F'dik il-kawża il-Qorti kienet intalbet mill-konvenuta dak inhar l-attriċi sabiex tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut, illum l-attur, avvantaġġja ruħu minn flejjes hekk mgħoddija lilu minnha fil-kors tal-konvivenza, talbet ukoll illi jiġi likwidat l-ammont dovut lilha minn Domenic Zammit kif ukoll tikkundannah jikkumpensaha dak l-ammont hekk likwidat.*

*Il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Settembru, 2020 fil-kawża msemmija analizzat il-provi li ġabu il-partijiet li kienu jinkludu riċevuti u ħlasijiet li saru sabiex il-partijiet akkwistaw il-mobbli li kienu jinsabu fil-fond.*

*Tenut kont ta' dan kollu hu paċifiku li permezz tal-proċedura odjerna l-attur qed jibbaża t-talbiet tiegħu fuq il-pretensjoni li huwa sid il-mobbli in kwestjoni.*

*Mill-assjem ta' dawn il-fatti kollha huwa ċar li fl-aħjar interessi tal-ġustizzja, din il-qorti għandha tieqaf tisma' l-kawża preżenti pendenti l-eventwali deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-proċeduri*

*preżentement pendenti quddiemha fuq riferiti stante li dawn jimpinġu sostanzjalment fuq il-mertu tal-proċedura odjerna.*

*Illi għandu għalhekk ikun paċifiku li din il-qorti odjerna ma tistax tiddeċiedi l-proċedura in diżamina qabel ma jiġi deċiż definittivament il-mertu tal-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawża bin-numru 12/2016 biex b'hekk tiġi wkoll evitata l-possibilita` li jiġu prodotti deċiżjonijiet kontradittorji għal xulxin b'detriment għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja.*

*Din il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta."*

5. Bir-rikors tal-appell ippreżentat fl-4 ta' Frar 2022 l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

*"tirrevoka s-sentenza appellata, bili tilqa' l-aggravji tal-appellant, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta u tirrimanda l-kawża quddiem il-Qorti kompetenti sabiex isir is-smigħ fil-mertu. Dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta."*

6. L-aggravji tal-attur Zammit huma:

(i) illi mhux minnu li l-kawża 12/2016 BS, li għadha *sub judice,* tista' taffetwa l-eżitu tal-kawża odjerna;

(ii) illi f'kull każ, huwa mhux jitlob biss danni konsegwenti għal ħsarat/nuqqas ta' mobbli li kien hemm fl-appartament, iżda qiegħed jitlob ukoll danni għal ħsarat fl-istruttura tal-fond kif ukoll ħsarat fl-affarijiet fissi li hemm ġol-fond; u

(iii) illi f'kull każ, il-Qorti kellha tissoprasjedi pendenti l-kawża l-oħra minflok taqbad u titfa' l-kawża odjerna 'l barra.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

7. Fil-kawża tal-lum l-attur ilmenta li hemm mobbli neqsin u mobbli li minnhom tneħħew partijiet (eżempju bank tal-kċina mingħajr xkafef). Ilmenta wkoll li s-sufan li kien hemm fl-appartament inbidel b'ieħor li mhux f'kundizzjoni tajba biex jintuża. Għamel ukoll referenza għall-mandat ta' deskrizzjoni numru 60/2015 u qal li l-konvenuta *"6...... neħħiet kollox mill-fond bi ksur ampju tal-istess mandat".* Talab ukoll danni li jikkonsistu f'telf ta' użu tal-fond minħabba l-ħsarat.

8. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Cini tirreferi biss għal kwistjoni dwar proprjetà ta' min huma l-mobbli li kien hemm fl-appartament.

9. Jirriżulta illi fis-sentenza li ngħatat fil-15 ta' Jannar 2021 fil-kawża 12/2016BS, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali qalet hekk dwar il-mobbli:

> *"Il-Qorti rinfaccata b'verzjonijiet diametrikament opposti u kultant anke konfuzjonarji, di piu`mhux sostnuti bi provi sodisafacenti jkollha taddotta r-ragunament li "per cio' che concerne il rapporto tra i conviventi, va detto che il danaro depositato si presuppone di proprieta' di entrambi i parti uguali, salvo prova contraria. .. .. si presumono comuni tutti i versamenti risultanti sul conto, indipendentemente dal fatto che siano stati materialmente effettuati da uno solo dei cointestatari". <u>Fil-kaz odjern, izda ghalkemm b'applikazzjoni tar-ragunament citat, il-partijiet ghandhom sehem indaqs mill-ghamara u oggetti li jinsabu fil-fond</u>, xorta wahda din il-Qorti ma hix ser tillikwida sehem l-attrici u dan ghar-raguni gia moghtija u cioe', li hi ghadha qed tghix fil-fond u qed tgawdi l-oggetti hi"* (enfażi ta' din il-qorti).

9.1. Fir-rikors tal-appell li l-konvenuta ippreżentat fil-kawża 12/2016 l-attriċi lmentat:

(i) is-sentenza li tat l-Ewwel Qorti hi nulla għaliex qabel ingħatat kienet ippreżentat rikors biex il-Qorti ma tagħtix is-sentenza, u l-Ewwel Qorti baqgħet ma tatx digriet finali dwar it-talba.

(ii) Il-likwidazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti hi żbaljata għaliex ma tatx piż lid-dokumenti li jikkonfermaw li hija kellha l-mezzi, jew personalment jew tramite l-ġenituri tagħha, sabiex tħallas l-ammonti li tippretendi mingħand l-attur Zammit. Tilmenta wkoll li minkejja li l-Ewwel Qorti qieset li l-partijiet għandhom sehem ugwali mill-għamara u l-oġġetti li jinsabu fil-fond ta' Marsalforn, xorta ma llikwidatx sehemha għaliex qieset li hija tgħix fil-fond u allura qed tgawdi l-istess. Targumenta madanakollu li hi mhix tgħix f'dak il-fond u li f'kull każ il-Qorti kellha tillikwida s-sehem li jispetta lilha;

(iii) dik is-sentenza hija *ultra petita* għaliex naqqset kont tad-dawl u tal-ilma mis-somma akkordata lilha meta ma kienx hemm kontrotalba dwaru; u

(iv) għaliex issostni li l-imgħaxijiet kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza mhux mid-data tal-ittra uffiċjali;

9.2. L-attur ressaq appell inċidentali mis-sentenza tal-15 ta' Jannar 2021 fuq il-kap tal-ispejjeż;

9.3. Kemm l-appell prinċipali kif ukoll l-appell inċidentali tal-partijiet fil-kawża bin-numru 12/2016 BS fl-ismijiet inversi jinsabu pendenti.

10. Fl-imsemmija kawża l-kwistjoni dwar il-mobbli għadha *sub judice* ġialadarba l-konvenuta appellat minn dik is-sentenza u talbet li titħassar is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2021 peress li s-sentenza hi nulla. F'dik il-kawża l-konvenuta ppretendiet li tirċievi kumpens *inter alia* għal diversi oġġetti li nxtraw bi flus li tat lill-attur. F'dik il-kawża l-attur tallum ikkontesta li l-konvenuta Cini ħarġet flus biex inxtraw mobbli għall-appartament u insista li dak kollu li kien hemm fil-fond kien inxtara minn flusu. Għalhekk il-kwistjoni dwar ta' min huma l-mobbli li hemm jew kien hemm fl-appartament, għadha *sub judice* fil-kawża 12/2016.

11. L-Ewwel Qorti rrikonoxxiet li ma tistax tiddeċiedi l-kawża qabel tkun deċiża l-kawża 12/2016 sabiex fi kliemha, *“....... b’hekk tiġi wkoll evitata l-possibilita’ li jiġu prodotti deċiżjonijiet kontradittorji għal xulxin b’detriment għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja”.* Madankollu, dan ma kellux iwassal sabiex l-Ewwel Qorti tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni u ma tqisx iktar it-talbiet tal-attur. Fl-eċċezzjoni stess tal-konvenuta jingħad li *“it-talbiet tar-rikorrenti huma **in parti** intempestivi”.* Għalhekk hu ċar li l-konvenuta stess tirrikonoxxi li f’din il-kawża hemm kwistjonijiet oħra apparti l-mobbli, li ma jiddependux mill-eżitu tal-kawża 12/2016. Għaldaqstant, l-ewwel qorti żbaljat meta fil-parti dispożittiva tas-sentenza ddikjarat *“.... tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi”.*

12. Inoltre, eċċezzjoni li l-azzjoni hi intempestiva tfisser li ma kellhiex tinfetaħ fil-mument li nfetħet. F’dan il-każ il-fatt li hemm diġà kawża oħra pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell li tikkonċerna wkoll mobbli li hemm jew kien hemm fl-appartament (rikors numru: 12/2016), ma jfissirx li l-attur ma kellux jiftaħ kawża għad-danni minħabba *inter alia* li tneħħew mobbli minn ġewwa l-appartament proprjetà tiegħu. Dan minkejja l-fatt li fetaħ il-kawża fid-29 ta’ April 2021, ċioè wara s-sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-15 ta’ Jannar 2021 fil-kawża numru: 12/2016.

13. Dak li kellu jsir fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-mobbli li huma wkoll meritu tal-kawża tallum, kien li l-Ewwel Qorti tistenna l-eżitu tal-appell fil-kawża 12/2016 fl-ismijiet Francine Cini v. Domenic Zammit u mhux li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tiddikjara li ma tqisx iktar it-talbiet tal-atturi. Ordni bħal dik telimina l-periklu li fiż-żewġ kawżi jingħataw sentenzi kunfliġġenti dwar il-mobbli.

14. Il-Qorti tagħmilha ċara li dak kollu li ngħad f'din id-deċiżjoni hu mingħajr preġudizzju għal kwistjoni dwar min fir-realtà hu s-sid tal-mobbli fl-appartament.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tħassar is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2022 u bir-riżerva li saret hawn fuq, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta bl-ispejjeż kollha kontriha.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr